Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2016

**Antoinette Delia (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellat)**

6 ta' Dicembru, 2016.

B'decizjoni tal-Arbitru tas-6 ta' April, 2016 gie michud appell tal-appellanti minn decizjoni tal-appellat li kellha tirrifondi s-somma ta' €2,200.10 *allowance* tat-tfal li rceviet matul il-perjodu tat-13 ta' Frar 2010 sal-24 ta' Frar 2012 ghaliex il-minuri Adeil ma kinitx qeghda tghix maghha. L-Arbitru qal li kien hemm kunflitt bejn dak li kien hemm imnizzel fil-kuntratt ta' separazzjoni li l-kura u kustodja tal-minuri hi f'idejn l-appellata u dak li sehh fir-realta li l-minuri kienet qeghda tghix ma' missierha.

L-appellanti appellat mid-decizjoni u lmentat li l-Arbitru m'ghamilx apprezzament korrett tal-provi.

L-appellat wiegeb li d-decizjoni ghandha tigi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. B'kuntratt ta' separazzjoni tal-25 ta' Gunju 2002, il-kura u kustodja tal-minuri Adeil inghatat lill-appellata. Fil-klawzola rilevanti jinghad:

   *"Qed jigi miftiehem bejn il-partijiet illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri qeghda tigi assenjata lill-mara, b'dan pero illi r-ragel ikollu access liberu u kontinwu ghall-istess minuri minghajr ebda tfixkil mill-mara, fi granet li ghandhom jigu stabbiliti bi qbil bejn il-konjugi Delia"*.

   M'hemmx prova li sussegwentement din il-klawzola giet emendata jew li kien hemm ordni tal-qorti li tat il-kura u kustodja ta' Adeil lill-missierha (Anthony Delia).

2. Wara li l-qorti qrat l-atti, b'riferenza ghal dak li qalet l-appellanti fir-rikors tal-appell, il-qorti tosserva:

   i. L-appellanti mhijiex korretta meta qalet, *"l-Allowance tat-tfal huwa mahsub ghal persuni li jkollhom il-kura u kustodja ta' minuri, kif fir-realta' kellha l-appellanta"*. L-artikolu 76(1) tal-Kap. 318 jaghmilha cara li l-allowance hu *"id-dritt ta' kull tifel f'kull familja"*.

ii. M'huwiex minnu li mill-provi rrizulta li kienet l-appellata biss li tiehu hsieb il-minuri. Fil-fatt jirrizulta li t-tifla kienet tghix mal-missier. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni ta' Emanuela Brincat, omm l-appellanti, u Anthony Delia. Hekk jirrizulta wkoll mir-rapport tal-ispetturi tad-Direttorat (Frodi u Beneficcji u Investigazzjoni), fejn jinghad li fid-9 ta' Frar 2010 marru fil-fond fejn kienet qeghda tghix l-appellanti (20, Triq san Pietru u San Pawl, Isla). Fir-rapport jinghad li l-appellanti kellmithom;

*"Hija kkonfermat maghna li hwejjigha kienu jinsabu fil-hames sular (dawk xitwin) u fil-kcina (tas-sajf). Meta staqsejniha fejn kienu l-hwejjeg ta' bintha Adeil, li se taghlaq 14-il sena, hija qaltilna 'ma tarawx li hawn m'hawnx spazju bizzejjed ! Bil-kemm hawn ghalina biex noqghodu. Dawk qeghdin ghand missierha, izda qed nirranga kamra f'din id-dar, biex forsi binti tigi toqghod maghna". Hawnhekk hija nizlitna isfel f'dik il-kamra li ssib hekk kif tidhol mill-bieb ta' barra u wrietna li xi gimghat qabel hija kienet qabdet xi hyaddiema biex jizbawlha din il-kamra. L-intenzjoni taghha kienet li ggib lil bintha tghix maghha u mal-kumplament tal-familja taghha u tikkonverti dik il-kamra fil-kamra tas-sodda ta' bintha Adeil".*

Ir-rapport gie kkonfermat minn Jonathan Balzan, wiehed mill-awturi tieghu. Sahansitra l-appellanti stess xehedet (seuta tal-4 ta' Novembru 2015) meta marru l-ispetturi, *".... it-tifla marret tghix ma' missierha. L-appellanti tikkonferma li t-tifla ghadha toqghod ma' missierha"*.

iii. Ma jirrizultax li l-appellat ibbaza d-decizjoni fuq *hearsay evidence*. Huwa minnu li l-investigazzjoni bdiet minn rapport anonimu. Sussegwentement id-Dipartiment investiga, u rrizulta li t-tifla kienet qeghda tghix ma' missierha. Ghalkemm l-appellanti targumenta li spezzjoni wahda ma tistax tkun tirrifletti r-realta' tal-hajja tal-appellanti u bintha, pero' kienet hi stess li qalet lill-ispetturi li t-tifla kienet qegha tghix ma' missierha. Sahansitra, waqt is-seduta tal-20 ta' Janar 2016 ikkonfermat li lill-ispetturi kienet qaltilhom li t-tifla ma kinitx tghix maghha u fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2015 ikkonfermat li t-tifla kienet ghadha tghix ma' missierha. Ghalhekk il-qorti ma tara l-ebda htiega ghalfejn kellha ssir spezzjoni fil-fond fejn kien ighix Anthony Delia, kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti. Ghaldaqstant, dan zgur m'huwiex kaz fejn l-Arbitru bbaza d-decizjoni fuq *hearsay evidence*. Ghalkemm l-appellanti qalet li hemm provi kunfliggenti, ma qalitx x'inhuma.

iv. L-appellanti argumentat ukoll li 'l fatt li l-missier kien qieghed jezercita d-dritt ta' access u *sleepover*, *".... ma jfissirx li l-kura u kustodja qeghda tigi mnehhija minn fuq l-omm"*. Dan ma kienx kaz ta' semplici *sleepover* izda kaz ta' minuri li marret tghix ma' missierha.

v. Skont l-artikolu 76(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):

*"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, ghandu jkun id-dritt ta' kull tifel **f'kull familja** li jkollu allowance mhallsa dwaru lil kap tal-familja li ghandu l-kura u kustodja ta' dak it-tifel......"*

Skond l-artikolu 2 tal-istess Att:-

*"Familja tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Diretur tkun tabita wahedha jew* ***zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja****"*

*"kap ta' familja dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja"*

Fil-kaz in ezami l-minuri ma kinitx qeghda tghix mal-appellanti. Ghalhekk ghal finijiet tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), l-appellanti u bintha ma kinux familja skond id-definizzjoni li hemm fl-artikolu 2 tal-Att gialadarba ghal familja irid ikun hemm sitwazzjoni fejn zewg persuni jew iktar ikunu *"jabitaw flimkien bhala familja"*. L-appellanti ma setatx titqies bhala l-kap tal-familja proprju ghaliex ma kinitx tabita fil-post fejn kienet tghix il-minuri. Ghalhekk dak li jinghad fil-kuntratt ta' separazzjoni ma jidhirx li hu determinanti. Il-qorti tifhem ukoll l-Artikolu 76 fis-sens li jezigi li t-tifel ikun qieghed jabita mal-genitur/i, tant li fejn il-kap tal-familja u l-konjugi m'humiex il-genituri tal-minuri, id-Direttur jista' jaccetta bhala-kap tal-familja l-persuna li tkun il-kustodju effettiv ta' dak it-tifel. Disposizzjoni li turi kemm il-hlas tal-allowance tat-tfal ma tiddependix minn min ghandu l-kura u kustodja legali tal-minuri. Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li skont l-Artikolu 76(1) id-dritt ghall-allowance hu **tat-tifel**.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.